**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 95/16 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, cioe' N u S li llum ghandhom rispettivament hamsa u ghoxrin sena (25) u tmintax-il sena (18);
3. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante :

i. Illi l-partijiet huma de jure separati in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) in atti tan-Nutar Dr Reuben Debono (ara kuntratt hawn anness u mmarkat Dok. JC1);
ii. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, illum-il gurnata qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;
iii. Illi ai termini tal-klawsola numru tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reciproku u, ghalhekk, l-ebda manteniment mhu dovut f'dan ir-rigward;
iv. Illi r-rikorrent dejjem ta l-manteniment dovut lill-uliedu skont il-ligi u l-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola erbgha (4)) u ghadu jaghmel dan fil-konfront ta' Saveria illi ghadha qed tistudja;

4. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dok JC2;
5. Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N (1) (a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta;

Talab, in vista tas-suespost, sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u il-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jirrileva :

Illi ghalkemm l-eccipjenti tirrileva illi, kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat mir-rikorrenti, minn meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' seprarazzjoni personali hu qatt ma hallas il-manteniment dovut

ghal uliedu fl-intier tieghu, madanakollu, l-esponenti mhux qed tikkontesta t-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta' hall taz-zwieg celebrat bejn il-partijiet kontendenti;

Illi ghalhekk l-eccipjenti titlob illil tirriverti ghal kunjomha xebba, u cioe' "Cortis";

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Cortis. Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega f'dan ir-rigward.

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Novembru 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.